32003R2332

L 346/12 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 31.12.2003

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2332/2003

## tat-30 ta' Diċembru 2003

## li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 rigward il-perjodu għad-depożitu ta' applikazzjonijiet għal liċenzi għall-importazzjoni ta' prodotti mill-ħalib fuq tariffi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib, u partikolarment l-Artikolu 26(3) u 29 ([1]) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kapitolu I tat-Titolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 ta' l-14 ta' Diċembru 2001 li jippreskrivi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti ta' importazzjoni għall-ħalib u prodotti mill-ħalib u l-ftuħ ta' kwoti ta' tariffa ([2]) jipprovdi, fost ħwejjeġ oħra, għat-tqassim tal-kwanitajiet li jridu jiġu mportati f'kull perjodu ta' sitt xhur fuq ċerti kwoti ta' tariffa u l-perjodi għad-depożitu ta' l-applikazzjonijiet rilevanti għal liċenza ta' importazzjoni.

(2) Skond l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, applikazzjonijiet għal liċenza ta' importazzjoni jistgħu jiġu depożitati biss matul l-ewwel 10t ijiem ta' kull perjodu ta' sitt xhur.

(3) Huwa maħsub li, f'Jannar 2004, il-ftuħ tal-kwoti imsemmi f'Kapitolu I tat-Titolu 2 ta' dak ir-Regolament għas-sena tal-ODK (l-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju) għandu jiġi limitat għall-kwantitajiet għal erba' aħjar milli sitti xhur, sabiex operaturi fl-Istati Membri ġodda li se jissieħbu mal-Komunità fl-1 ta' Mejju 2004 jista' jkollhom aċċess għal porzjon addizzjonali ta' dawn il-kwoti, li jridu jiġu allokati f'Mejju 2004, ugwali għal kwota ta' xahrejn.

(4) Sakemm issir finalizzazzjoni tal-proċeduri għall-adozzjoni u l-pubblikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet, u fl-interess ta' ċertezza legali, huwa meħtieġ li jiġi mtawwal il-perjodu għad-depożitu ta' applikazzjonijiet provvduti fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001 u jiġi derogat minn dak l-Artikolu.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Bħala deroga mill-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, għall-perjodu l-Jannar ta' sat-30 ta' April 2004, applikazzjonijiet għal liċenzi ta' importazzjoni għall-kwoti imsemmi fl-Anness I. A, l-Anness I. B, punti 5 u 6, l-Anness I. F u l-Anness I. H ta' dak ir-Regolament jistgħu jiġu depożitati biss matul il-perjodu mit-12 sas-16 ta' Jannar 2004.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2004.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 160, tas-26.6.1999, pġ. 48. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1787/2003 (ĠU L 270, tal-21.10.2003, pġ. 121).

([2]) ĠU L 341, tat-22.12.2001, p. 29. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2012/2003 (ĠU L 297, tat-15.11.2003, pġ. 19).